31974L0331

12.7.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 189/9

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Ġunju 1974

li tadotta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' *meters* tal-volum tal-gass.

(74/331/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/316/KEE [1] tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' disposizzjonijiet komuni għall-istrumenti ta' kejl u għall-metodi ta' kontroll metroloġiku, kif emendata bl-Att anness mat-Trattat [2] dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Komunità Ekonomika Ewropea u mal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, iffirmat fi Brussel fit-22 ta' Jannar 1972, u b'mod partikolari l-Artikoli 17, 18 u 19 tiegħu;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/318/KEE [3] tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-*meters* tal-volum tal-gass;

Billi, l-element tat-test ta' *meter* tal-volum tal-gass għandu jippermetti qari foto-elettriku tan-numru ta' dawriet magħmul minn dak l-element, b'konsiderazzjoni ta' l-evoluzzjoni teknika f'dan il-qasam.

Billi, il-metodu issuġġerit mir-Renju Unit għat-twettieq tal-verifika inizjali tal-KEE għal *meters* tal-volum ta' gass jista' jiġi meqjus li huwa simili għal dak stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/318/KEE, jekk dak il-metodu jitwettaq b'marġini ta' ċirkolazzjoni ta' 0.3 Q_{min} fl-applikazzjoni ta' l-iżball massimu permissibli ta' 10%, waqt li tittieħed konsiderazzjoni kif jixraq tal-progress tekniku u jekk ikun hemm bżonn, tiġi emendata d-Direttiva;

Billi, il-kumplament ta' l-emendi huma mfasslin fuq il-gwida li hija parti mill-Att imsemmi fuq;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat dwar l-adattazzjoni għall-progress tekniku tad-Direttivi maħsubin għall-eliminazzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ fis-settur ta' strumenti ta' kejl,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/318/KEE tas-26 ta' Lulju 1971, it-test ta' punti 5.2.4 tal-Kapitolu I.B; 4.3, 7.2.6 u 8.1 tal-Kapitolu II, kif ukoll it-tabella ta' punt 2.1 u punt 7.1 (b) tal-Kapitolu III huma emendati b'dawk li jidhru fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mad-Direttiva fi żmien 12 il-xahar min-notifikazjoni tagħha, u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-12 ta' Ġunju 1974.

Għall-Kummissjoni

Il-President

François-Xavier ORTOLI

[1] ĠU Nru L 202, 6.9.1971, p. 1.
[2] ĠU Nru L 73, 27.3.1972, p. 14.
[3] ĠU Nru L 202, 6.9.1971, p. 21

ANNESS

1. It-test tal-punt 5.2.4 tal-Kapitolu I.B ta' l-Anness huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-werrej jew il-marka ta' referenza għandhom ikunu rqaq biżżejjed li jippermettu qari ċert u b'mod faċli.

L-element tat-test jista' jkollu marka ta' referenza li tkun tista' titneħħa u għandu jkun ta' daqs biżżejjed li jippermetti *scanning* foto-elettriku. Il-marka ta' referenza m'għandhiex tgħatti l-gradwazzjoni; jekk meħtieġ, din tista' tissostitwixxi l-figura 0. Din ma għandhiex tinterferixxi mal-preċiżjoni tal-qari."

2. Dan li ġej għandu jiġi mdaħħal wara t-tabella fil-paragrafu 4.3 tal-Kapitolu II ta' l-Anness:

"Il-volum ta' arja li għandu jiġi mkejjel jista' jkun mibdul bil-volum li jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor man-numru kollu ta' dawriet fl-element tat-test."

3. It-test tal-paragrafu 7.26 tal-Kapitolu II ta' l-Anness huwa mibdul b'dan li ġej:

"7.2.6. Wara t-test ta' reżistenza, il-*meters* (bl-eċċezzjoni, l-aktar, ta' wieħed minnhom jekk it-testijiet huma mwettqa fuq minimu ta' tliet *meters*) għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) matul il-medda ta' ċirkolazzjoni, id-differenza bejn l-iżbalji massimi u minimi bħala funzjoni taċ-ċirkolazzjoni Q ma għandhiex tkun aktar minn valur ta' 4% għal kull *meter*;

(b) il-valuri ta' l-iżbalji ma għandhomx ikunu differenti b'aktar minn 1,5% tal-valuri korrispondenti tal-bidu; Għar-rata Q_{min} dan l-iżball japplika biss għal varjazzjonijiet fis-sens negattiv;

(ċ) il-waqa' mekkanika fil-pressjoni ma għandhiex tkun żdiedet b'aktar minn 20 N/m 2 (0,2 millibars)."

4. It-test tal-punt 8.1 tal-Kapitolu II ta' l-Anness huwa mibdul b'dan li ġej:

"8.1. Testijiet tal-preċiżjoni

Meter ikun meqjus li jissodisfa l-ħtiġijiet li jikkonċernaw l-iżbalji massimi permissibli jekk dawn il-ħtiġiet jiġu sodisfatti f'dawn ir-rati ta' ċirkolazzjoni:

(a) f'rata ta' ċirkolazzjoni Q_{min};

(b) f'rata ta' ċirkolazzjoni fl-ordni ta' 1/5 Q_{max};

(ċ) f'rata ta' ċirkolazzjoni ta' Q_{max}.

Jekk l-eżaminazzjoni tkun imwettqa taħt kondizzjonijiet differenti, il-garanziji għandhom ikunu għallinqas ugwali għal dawk miksubin mit-testijiet imsemmija hawn fuq."

5. It-tabella tal- punt 2.1 tal-Kapitolu III, hija mibdula bit-tabella li ġejja:

G	Q max m^3/h	Medda ta' kapaċitajiet		
		Żgħira	Medja	Kbira
		Qmin m^2/h		
25	40	8	4	2
40	65	13	6	3
65	100	20	10	5
100	160	32	16	8
160	250	50	25	13
250	400	80	40	20
400	650	130	65	32
650	1 000	200	100	50
1 000	1 600	320	160	80

6. It-test tal- punt 7.1 (b) tal-Kapitolu III ta' l-Anness huwa mibdul b'dan li ġej:

"(b) għal *meters* tat-turbini:

Q_{min} - 1,5 Q_{min} - 2,5 Q_{min} - 0,25 Q_{max} - 0,5 Q_{max} u Q_{max}."